

III

(Atti adottati skond it-Trattat ta' l-UE)

ATTI ADOTTATI SKOND IT-TITOLU V TAT-TRATTAT TA' L-UE

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2007/690/PESK

tat-22 ta' Ottubru 2007

li timplimenta l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK tat-18 ta' Lulju 2005 dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 8(1), it-tieni subparagrafu tiegħu, flimkien ma' l-Artikolu 23(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fit-23 ta' April 2007, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2007/244/PESK dwar l-implimentazzjoni ta' l-Azzjoni Konġunta tal-Kunsill 2005/557/PESK dwar l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja ⁽²⁾, li estendiet il-finanzjament għall-komponent ċivili tagħha sal-31 ta' Ottubru 2007.
- (2) Sakemm issir it-transizzjoni tal-missjoni ta' l-Unjoni Afrikana għal operazzjoni ibrida tan-NU/UA (UNAMID), ġie deċiż li l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja titkompla sal-31 ta' Diċembru 2007.
- (3) Ir-Riżoluzzjoni 1769 tal-KSNU tal-31 ta' Lulju 2007 tistipula li t-trasferiment ta' l-awtorità (TOA) mill-AMIS għall-UNAMID huwa biex l-intervent isir qabel il-31 ta' Diċembru 2007.
- (4) Fil-21 ta' Settembru 2007, il-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà qabel li l-komponent ċivili ta' l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-

Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja għandu jingħalaq fid-data li fiha jsir it-trasferiment ta' l-awtorità mill-AMIS għall-UNAMID.

- (5) Fir-rigward tal-komponent ċivili, il-Kunsill għandu konsewwentement jiddeċiedi dwar il-finanzjament tal-kontinwazzjoni ta' din l-azzjoni ta' appoġġ skond il-limiti ta' żmien iddefiniti hawn fuq.
- (6) L-azzjoni ta' appoġġ ser titmexxa fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' tagħmel ħsara lill-oġettivi tal-PESK kif stabbiliti fl-Artikolu 11 tat-Trattat,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

Artikolu 1

1. L-ammont ta' referenza finanzjarju maħsub biex ikopri l-infiq relatat ma' l-implimentazzjoni tat-Taqsima II ta' l-Azzjoni Konġunta 2005/557/PESK mill-1 ta' Mejju 2007 sat-30 ta' April 2008 għandu jkun ta' EUR 2 125 000. Dan l-ammont għandu jkopri l-perijodu tal-mandat attwali tal-Missjoni ta' l-UA fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan (AMIS II) u l-perijodu ta' likwidazzjoni sussegwenti tal-komponent ċivili ta' l-azzjoni ta' appoġġ ċivili-militari ta' l-Unjoni Ewropea lill-missjonijiet ta' l-Unjoni Afrikana fir-reġjun tad-Darfur tas-Sudan u fis-Somalja.

2. L-infiq iffinanzjat mill-ammont stipulat fil-paragrafu 1 għandu jiġi amministrat skond il-proċeduri u r-regoli tal-Komunità Ewropea applikabbli għall-baġit ġenerali ta' l-Unjoni Ewropea, bl-eċċezzjoni li kwalunkwe pre-finanzjament m'għandux jibqa' l-proprietà tal-Komunità.

Ċittadini ta' stati terzi għandhom jitħallew iressqu offerti għal kuntratti.

3. L-infiq għandu jkun eliġibbli mill-1 ta' Mejju 2007.

⁽¹⁾ ĠU L 188, 20.7.2005, p. 46, Azzjoni Konġunta kif emendata bl-Azzjoni Konġunta 2007/245/PESK (ĠU L 106, 24.4.2007, p. 65).

⁽²⁾ ĠU L 106, 24.4.2007, p. 63.

Artikolu 2

Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/244/PESK tat-23 ta' April 2007 qed tiġi b'dan revokata.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiegħu effett fid-data ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fil-Lussemburgu, 22 ta' Ottubru 2007.

Għall-Kunsill

Il-President

J. SILVA
